MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Numru 1016/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**VINCENT CUCCIARDI**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Vincent Cucciardi ta' 32 sena iben Angelo u anna xebba Cutajar, imwieled il-Pieta nhar it-2 ta' Frar 1977 u residenti numru 181 Triq Hal Qormi marsa jew Nru.27 Triq l-Imdina Kirkop u detentur tal-karta ta' l-identita numru 112877(M).

Billi gie akkuzat talli:

1) Fil-11 t'April 2008 ghall-habta tat-3.30pm, waqt li kien ghaddej bil-vettura ta' l-ghamla Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni DA52 WDN f'dawn il-gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fuq vetturi ta' l-ghamla Hyundai Atos bin-numru tar-registrazzjoni IAK-562, Kia Mentor bin-numru tar-registrazzjoni EAK-919 u Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni DA52 WDN ghad-detriment ta' diversi persuni, liema hsara tammonta ghal izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69);

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji tas-sewqan kollha ghal perjodu li l-Qorti jidrilha hu xieraq.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. VA3 u nnutat li l-imputat Vincent Cucciardi m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lis-sid tal-vettura Hyundai Atos bin-numru tar-registrazzjoni IAK-562 is-somma ta' Euro 279.53, lis-sid tal-vettura Kia Mentor bin-numru tar-registrazzjoni EAK-

919 is-somma ta' Euro 414.63 u lis-sid tal-vettura Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni DA52 WDN is-somma ta' Euro 2981.60, kollha rappresentanti hsarat kagunati mill-istess imputat rigwardanti l-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal ta-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u Difiza, b'referenza ghall-Proces Verbal esebit illum bhala Dok RB1, iddikjaraw li jaqblu li l-ispejjez inkorsi rigward l-Ispizjar Mario Mifsud u PS 659 Jeffrey Hughes a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'ghandhomx jigu inkorsi mill-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17 u 325(1)(a) tal-Kap. 9 u l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Vincent Cucciardi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, dak dikjarat mill-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u l-fedina penali tal-imputat, tillibera lill-imputat Vincent Cucciardi taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Vincent Cucciardi ghall-piena ta' mija u disghin Euro (Euro 190) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Vincent Cucciardi milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien ghaxar (10) tijiem millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Vincent Cucciardi sabiex fi zmien xahar millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' hames mija u sitta u tmenin Euro u tmienja u tmenin centezmi ta' Euro (Euro 586.88).

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Vincent Cucciardi l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------